QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 213/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Victor Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Victor Galea, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 430665M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Awwissu 2012 għall-ħabta ta' 20:00 hrs fi Triq Ħal Farruġ, limiti tal-Mqabba:

(1) bħala sid ta' vettura Nru. EBB-427 (trakk) naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

(2) ġiegħel, ħalla jew ippermetta lil ibnu Colin Galea isuq vettura Nru: EBB-427 (trakk) mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) kellu l-imsemmi vettura Nru. EBB-427 (trakk) fit-triq meta saħħet il-volonta` tiegħu sabiex l-imsemmi persuna jagħmel delitt meta ppermetta lil ibnu Colin Galea jsuq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Victor Galea jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu taż-żmien mhux inqas minn tnax-il xahar.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2013, fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 13(1), 14(3), LS 368.02, 3(1) tal-Kap 104 u 42(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Victor Galea ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €250, u għal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €2,500 u ssospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena (12 il-xahar);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Victor Galea ppreżentat fit-8 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza għal waħda anqas oneruża u li ma jkunx hemm applikazzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi ... il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fi grad li trid il-ligi ghal sejbien ta' htija.
>
> "1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ma rrizultax effettivament illi l-appellant gieghel jew halla jew ippermetta lil ibnu Colin Galea jsuq vettura Nru. EBB-427 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
>
> "2. Illi l-istess vettura ttiehdet minghajr l-ebda kunsens tal-appellant.
>
> "3. Illi l-esponenti xehed bl-aktar mod konsistenti meta spjega l-ewwel Onorabbli Qorti li l-vettura ttiehdet minn ibnu minghajr il-kunsens tieghu. Infatti sar jaf li l-istess vann ittiehed minn ibnu wara li sehh l-incident in kwistjoni.
>
> "4. Illi Artikolu 3, sub-artikolu 1B tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi tista' tinghata eccezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taht is-

subartikolu 1, mill-akkuzat jekk igib prova ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li reat isir.

> "5. Illi f'dan il-kaz ma jistax jifhem kif l-Onorabbli Qorti ghazlet sabiex ma temminx il-verzjoni tal-esponenti meta xehed taht gurament. Inoltre l-esponenti hassu aggravat immens meta l-Qorti kkummentat dwar disprezz meta l-esponenti provda fatti veritieri taht l-istess gurament.
>
> "6. Illi huwa minnu li l-esponenti ma kellux licenzja mhux imgedda izda huwa minnu wkoll li r-raguni tal-istess huwa minhabba l-fatt li l-imsemmija vettura kienet spiccat ghal kollox u ghalhekk kienet ser tittiehed ghall-iscrap. Infatti tant hu hekk li l-vettura kienet koperta b'assigurazzjoni sa Mejju 2013, wara liema data kienet maghluqa gewwa garaxx; ghalhekk l-esponenti qed iqajjem eccezzjoni valida u special reason sabiex jigi eskluza l-iskwalifika. Minbarra dan il-fatt, l-esponenti ghandu diversi vetturi ohrajn kollha koperti b'polza ta' assigurazzjoni u licenzji validi ghalhekk ma kellux ghalfjen ma jkoprix wkoll il-vettura EBB-427.
>
> "7. Illi di piu` skond it-tieni skeda tal-Kap. 65, il-piena ghal nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tal-vettura hija ferm inqas u ghalhek l-appellant ihossu aggravat bil-multa eccessiva u harxa zzejjed ghac-cirkostanzi tal-kaz.
>
> "8. Illi inoltre l-piena komplessiva li nghatat mill-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda sproporzjonata."

**6.** Mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-29 ta' Awwissu 2012 Colin Galea, iben l-appellant, kien qiegħed isuq il-vettura EBB-427 fi Triq Ħal-Farruġ, limiti ta' Mqabba, fejn kien involut f'inċident tat-traffiku ma' vettura oħra. Is-sid reġistrat tal-vettura EBB-427 kien l-appellant. Skond ix-xiehda ta' Stephen Cachia, *administrator*, fid-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art, l-aħħar liċenzja valida ta' din il-vettura skadiet fil-31 ta' Mejju 2008 (ara wkoll id-dokument a fol. 19). Mix-xiehda ta' John Sacco, rappreżentant ta' Citadel Insurance, fid-data ta' l-inċident l-imsemmija vettura ma kinitx assigurata u ġiet sussegwentement assigurata mis-7 ta' Settembru 2012 sal-31 ta' Mejju 2013.

**7.** Stabbilit illi fid-29 ta' Awwissu 2012 l-imsemmija vettura EBB-427 ma kinitx liċenzjata għat-triq u ma kinitx assigurata, irid jiġi stabbilit jekk l-appellant setax jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

**8.** Skond l-appellant, il-vettura in kwistjoni kienet tinsab ir-razzett is-Siggiewi, u din kellha tiġi ttowjata minn kumpanija ta' l-irmonk sa għand il-mekkanik. Waqt li hu kien imsiefer, mingħajr ma kien ta struzzjonijiet lit-tifel tiegħu, it-tifel qabad u ħa l-vettura. L-appellant jammetti li l-imsemmija vettura kienet għadha bil-pjanċi. Ladarba dawn ma kinux ġew ikkonsenjati lill-Awtorita` dwar it-Trasport, il-liċenzja kellha tibqa' titħallas. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta. Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra, minn imkien ma jirriżulta illi l-

appellant "ġiegħel, ħalla jew ippermetta" lil ibnu jsuq l-istess vettura u lanqas li għamel xi ħaġa biex isaħħaħ il-volonta` ta' ibnu biex jikkommetti delitt. Anzi jirriżulta li din il-vettura kienet tħalliet imwarrba ġewwa razzett mnejn l-appellant kellu l-intenzjoni li tittieħed (b'irmonk) għall-possibbli tiswija. Għalhekk tapplika l-eċċezzjoni kontemplata fl-artikolu 3(1B) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma jirriżultawx.

**9.** Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, in-nuqqas li l-appellant ġie akkużat bih huwa li ma ġeddidx il-liċenzja tal-vettura. Il-piena applikabbli għal dan ir-reat huwa dak imsemmi fit-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` *ammenda* ta' €69.88. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tipprovdi, *inter alia*, għall-piena għal min isuq vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenzja, li mhuwiex il-każ fil-proċeduri kontra l-appellant peress li l-vettura kienet qed tinsaq minn ibnu.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu l-appellant instab ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah; tirrevokaha wkoll in kwantu, għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni, ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €250, u għal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €2,500 u ssospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena (12 il-xahar), u minflok, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, tikkundannah għall-ħlas ta' *ammenda* ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88).